# QORTI TA' L-APPELL

## (APPELL MILL-BORD LI JIRREGOLA L-KERA)

**IMHALLEF**

**ONOR. JOSEPH A. FILLETTI B.A. LL.D., A.R.HIST.S.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 12 ta' Ottubru 2001.**

**Numru**

**Rikors numru 14B/96**

**AIC Joseph J. Xuereb ghas-socjeta' Gevimida Limited.**

**vs**

**Joseph Mamo u Carmen Mamo.**

**Il-Qorti;**

1. Illi b'sentenza ta' din il-Qorti fil-kawza fl-ismijiet hawn fuq premessi, moghtija fis-27 ta' Ottubru 2000, wara rikors ghal fini ta' ritrattazzjoni intavolat mill-intimata dwar kawza bejniethom deciza fl-10 ta' Jannar 2000 gie deciz hekk :-

> "Tiddeciedi billi filwaqt li tichad it-talba tar-ritrattandi ghall-fini ta' ritrattazzjoni in kwantu bazata fuq l-artikolu 811 (e) u (f) tal-Kap. 12 kif fuq inghad tilqa' pero' l-istess talba in kwantu bazata fuq l-artikolu 811, subartikolu (c) u (k) tal-Ligijiet ta' Malta kif fuq inghad u konsegwentement ghalhekk qeghda thassar u tirrevoka s-sentenza moghtija minn din il-Qorti, kif diversament presjeduta

u moghtija fl-10 ta' Jannar 2000 fl-ismijiet "AIC Joseph J. Xuereb ghas-socjeta' Gevimida Limited vs Joseph Mamo u Carmen Mamo (Rikors numru 14B/96)", b'dana li tordna r-ritrattazzjoni fid-dawl ta' dak li gie deciz f'din is-sentenza u b'dan li kwantu ghall-hlas tal-ispejjez gudizzjarji dawk relativi ghad-decizjonijiet moghtijin mill-Bord li Jirregola l-Kera u mill-Qorti ta' l-Appell kwantu ghas-sentenza tat-28 ta' Jannar 1998 u tal-10 ta' Jannar 2000 rispettivament ikunu a kariku tar-ritrattat nomine, filwaqt li dawk relativi ghal din is-sentenza jigu sopportati nofs bin-nofs bejn il-kontendenti."

2. Illi b'rikors ulterjuri datat it-12 ta' Jannar 2001, ir-ritrattat, wara li ppremetta li din il-Qorti, filwaqt li "ddisponiet mill-ewwel fazi tal-process in ritrattazzjoni <u>in rescindente</u> izda l-Qorti naqset li tidhol fil-meritu <u>in rescissorio</u> billi fis-27 ta' Ottubru 2000, il-kawza deciza <u>in parte</u> ma gietx differita ghal gurnata ohra ghall-kontinwazzjoni", talab li din il-Qorti tirriappunta l-kawza "biex tigi finalment ritrattata u deciza".

3. Trattat dan ir-rikors ulterjuri tar-ritrattant;

4. Ikkunsidrat li effettivament jirrizulta li bis-sentenza taghha tas-27 ta' Ottubru 2000, it-talba ghal fini ta' ritrattazzjoni giet akkordata, imqar jekk mhux fuq l-aggravji kollha tal-intimati ritrattandi. Illi isegwi mela li, bla hsara ta' kull procedura ulterjuri li trid jew li tista' tittiehed minn xi wiehed jew wahda mill-kontendenti in kawza, jidher li hemm tassew lok li l-kawza tghaddi ghall-istadju l-iehor <u>in rescissorio</u>. Illi stante pero' wkoll il-beneficcju tad-doppju ezami, u dana fl-interess tal-kontendenti kollha, tordna li l-atti jintbaghtu lura mill-gdid quddiem il-Bord li Jirregola l-Kera a kariku tar-Registratur, biex fl-ewwel lok ikun hemm decizjoni

minn dan it-Tribunal. Jigi f'kull kaz ribadit li dina l-ordni qeghda ssir bla hsara ta' kull eccezzjoni ulterjuri li tista' tinghata mill-parti interessata fil-kaz li tista' tissejjah fil-kawza jew minhabba li fl-istadju ta' l-ewwel grad tharrku biss fil-kawza l-intimata ritrattandi. L-ispejjez relativi jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet kontendenti.

Dep/Reg

mg